# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 19**

**Rikors numru 328/18/1 NC**

**Mapfre Middlesea (C-5553) kif surrogata fid-dritt tal-assikurat tagħha Adel Ahmed Ashur għan-nom tas-soċjetà BH International Limited u Laferla Insurance Agency Ltd bħala aġenti ta' l-istess Mapfre Middlesea plc**

**v.**

**Adrian Sammut**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi wara deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Novembru 2022. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat fir-rigward ta' min għandu jġorr ir-responsabbiltà tal-inċident tat-traffiku in

kwistjoni u ċaħdet it-talbiet tal-atturi.

## Daħla

2. L-atturi, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fl-10 ta' April 2018, talbu lill-Ewwel Qorti:

> "*1. Tidsdikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq imsemmi illi kif ingħad, seħħ fid-19 ta' Diċembru 2015 għal ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (8.00pm) seħħ inċident stradali fit-Triq Sant'Andrija, San Ġiljan bejn il-vettura, tat-tip Porsche Cayenne bin-numru ta' reġistrazzjoni ADL misjuqa mill-attur Adel Ahmed Ashur għan-nom tas-soċjeta' BH International Limited u l-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB 124 misjuqa mill-konvenut, u għad-danni kollha illi sofra l-istess attur bħala konsegwenza tal-istess inċident;*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident stradali fis-somma ta' għoxrin elf, mitejn u tlieta u tletin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€20,233.88ċ), jew somma verjuri, okkorrendo bl-opera ta' Periti u esperti nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' għoxrin elf, mitejn u tlieta u tletin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€20,233.88ċ) jew somma verjuri illi tiġi hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Ittra Uffiċjali numru 4480/17 ippreżentata fid-29 ta' Novembru 2017 kontra l-konvenut skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imgħax legali skont il-liġi mit-2 ta' Diċembru 2017 jew data oħra stabilita appożitament minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subbizzjoni.*"

3. L-atturi ressqu t-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> "*1. Illi s-soċjeta' attriċi Mapfre Middlesea plc kienet permezz tal-aġenzija tas-soċjeta' l-oħra attriċi Laferla Insurance Agency Limited ħarġet il-polza numru P21118707, illi biha kopriet il-vettura tat-tip Porsche Cayenne bin-numru ta' reġistrazzjoni ADL propjeta' ta' l-assikurat tagħha Adel Ahmed Ashur għannom tas-soċjeta' BH International Limited, taħt polza 'comprehensive' liema polza kienet fis-seħħ meta seħħet il-kolliżjoni meritu ta' din il-kawża.*

*2. Illi fid-19 ta' Diċembru 2015 għal ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (8.00pm) seħħ inċident stradali fit-Triq Sant'Andrija, San Ġiljan bejn il-vettura, tat-tip Porsche Cayenne bin-numru ta' reġistrazzjoni ADL misjuqa mill-attur Adel Ahmed Ashur għan-nom tas-soċjeta' BH International Limited u l-vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB 124 misjuqa mill-konvenut (kopja tar-rapport tal-inċident hawn anness u mmarkat Dokument MM 1).*

*3. Illi skont ma ġie riferit lis-soċjeta' attriċi mill-imsemmi assikurat tagħha Adel Ahmed Ashur għan-nom tas-soċjeta' BH International Limited, l-attur kien għadu kif ħareġ minn fuq id-dawl tat-traffiku ossija traffic lights illi kienu għadhom kif qalbu ħodor sabiex imur direzzjoni lejn San Ġiljan (Paceville). Hekk kif qalbu aħdar l-attur beda jsuq lejn id-direzzjoni tiegħu meta f'daqqa waħda ra l-vettura misjuqa mill-konvenut, li dak il-ħin kienet ġejja mid-direzzjoni minn Swieqi lejn Kappara, issuq fid-direzzjoni tiegħu b'veloċità eċċessiva. B'konsegwenza tal-impatt qawwi l-vettura tal-attur soffriet danni.*

*4. Illi, in vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, is-soċjeta' attriċi għamlet tajjeb għal porzjoni sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmi assikurat tagħha Adel Ahmed Ashur għannom tas-soċjeta' BH International Limited skont l-istess polza u in konsegwenza ta' tali pagament ġiet ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha skond l-istess polza ta' assikurazzjoni u skond il-liġi.*

*5. Illi s-somma hekk sborzjata mill-imsemmija soċjeta' attriċi Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalita' premessa, kienet tammonta għal għoxrin elf, mitejn u tlieta u tletin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€20,233.88ċ) kif dettaljat aħjar fl-annessa skeda Dokument MM 2.*

*6. Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha kaġunati lill-attur f'dan l-inċident stradali, huwa baqa' inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża (kopja tal-ittra uffiċjali numru 4480/17 hawn anness u mmarkat Dokument MM 3).*"

4. L-intimat ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi preliminarjament in-nullita' ta' dawn il-proċeduri stante li s-soċjeta' rikorrenti ma' ressqet l-ebda prova illi hija ġiet surrogata fid-drittijiet ta' Adel Ahmed Ashur, kif qed tallega, u dana billi din il-vettura (numru ADL), skond ir-rapport tal- Pulizija tippartjeni lill-kumpanija BH International Limited u mhux lill Adel Ahmed Ashur.*

*2. Illi fil-meritu u bla preġudizzju għas-suespost, huwa minnu li fid-19 ta' Diċembru 2015 seħħ inċident tat-traffiku ġewwa Triq Sant'Andrija, limiti ta' San Ġiljan, u li l-esponenti kien involut f'dan l-inċident waqt li kien qed isuq il-vettura numru BAB 124 iżda dan l-inċident ma' garax*

*tort u ħtija tal-istess esponenti, imma ġara unikament tort u ħtija ta' Adel Ahmed Ashur, is-sewwieq tal-vettura numru ADL, li naqas milli josserva r-Regolamenti tat-Traffiku billi waqt li kien qed isuq il-vettura numru ADL sejjer fid-direzzjoni ta' Paceville, ħareġ minn fuq traffic light meta d-dwal kien aħmar u dana kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża. Għalhekk it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*3. Illi wkoll u minngħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva illi t-talba għad-danni fl-ammont ta' €20233.88, hija waħda għal kollox eżaġerata.*

*4. Salve eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi."*

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti *decide*:

*"1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut;*

*2. Tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi;*

*3. Tilqa' it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenut.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-atturi."*

6. L-atturi (minn issa 'l quddiem imsejħin ukoll l-appellanti) ressqu appell nhar il-15 ta' Diċembru 2022 u l-intimat (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll l-appellat) ressaq risposta nhar id-9 ta' Jannar 2023.

**Fatti**

7. Din il-Qorti rat li seħħ inċident stradali bejn il-vettura tal-intimat, Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB 124, hu u jsuq f'Regional Road lejn l-Imsida, u l-vettura tal-assikurat Adel Ahmed Ashur, tat-tip Porsche Cayenne, bin-numru ta' reġistrazzjoni ADL, waqt li kien sejjer għall-San Ġiljan, u dan fi Triq Sant'Andrija San Ġiljan, direzzjoni San Ġiljan

(Paceville), liema inċident kkawża għoxrin elf, mitejn tlieta u tletin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€20,233.88) f'danni.

8. L-assigurat Ashur jisħaq li hu ħareġ mill-karreġjata tiegħu meta t-*traffic lights* kienu ħodor u li l-intimat, li kien qed isuq b'veloċità kbira, baqa dieħel fih. Min-naħa l-oħra l-attur l-intimat isostni li waqt li hu kien ħiereġ mill-karreġġjata tiegħu, meta t-*traffic lights* kienu ħodor, u kien fl-intersezzjoni, l-assigurat ġie minn imkien u daħal fih.

9. Din il-Qorti rat l-atti u qed tirriproduċi hawn, mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, s-sommarju tax-xhieda prodotta:

> *"Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018, xehed Steve Gauci (a fol. 46 et seq.) fejn beda billi qal li huwa surveyor. Jgħid li ħejja survey report fuq vettura Porsche Cayenne bin-numru ta' reġistrazzjoni ADL u eżebixxa kopja ta' dan is-survey report li ġie mmarkat bħala Dok. "SG 1" (a fol. 50 et seq.). Jikkonferma li r-ritratti li hemm marrapport ħadhom huwa u li huma tal-vettura msemmija. Jiddeskrivi d-daqqa fuq il-vettura bħala waħda soda u jgħid li d-daqqa kienet fuq il-front wing u tibqa' sejra lura.*
>
> *Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018, xehed ukoll Adel Ahmed Ashur (a fol. 58 et seq.) fejn jispjega li l-inċident stradali seħħ fid-19 ta' Diċembru fil-għaxija u li kien ġej mill-belt Valletta sejjer fid-direzzjoni ta' San Ġiljan peress li ried imur Portomaso fejn jirresjedi. Jispjega li miegħu kien hemm il-mara u t-tifel tiegħu u li kien wieqaf fuq il-lemin fuq it-traffic lights. Jgħid li ried jaqsam minn Triq Reġjonali għal Pender Gardens. Jixhed li kien wieqaf minħabba li t-traffic lights tiegħu kienu fuq l-aħmar. Jgħid li meta dawn qalbu fuq l-aħdar, peress li kien l-ewwel vettura huwa ma ra l-ebda vettura u beda jsuq meta f'daqqa waħda ma jafx x'ġara u ħass daqqa. Jgħid li l-ħin kien eżatt it-7.50pm. Jispjega li huwa kien qed idur lejn Pender Gardens u li l-vettura l-oħra kienet ġejja minn St. Andrews. Jixhed li huwa għandu vettura tqila u li d-daqqa kienet b'saħħitha tant li bid-daqqa l-vettura mxiet la ġenbha. Jgħid li d-daqqa kienet fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura. Jikkonferma li jaqbel ma' l-iskizz tal-ħabta magħmul mill-Pulizija u fuq l-iskizz li jinsab a fol. 9 jispjega l-pożizzjoni eżatta tiegħu. Jgħid li wara l-ħabta mar fuq is-sewwieq l-ieħor biex jara kif inhu u*

*f'dak il-ħin ra persuna Ingliża li ressqet fuq is-sewwieq l-ieħor tgħid li riedet tixhed. Jixhed li sema lil din il-persuna Ingliża tgħid li kien ser jixhed favur is-sewwieq l-ieħor li l-konvenut kien għaddej fuq l-aħdar. Jgħid li huwa qatt ma ltaqa' ma' din il-persuna u meta staqsiha hu kif kien jaf x'ġara qallu li kien qabżu fil-mini. Jgħid li dan ma jistax ikun minħabba li huwa kien xi żewġ vetturi warajh u l-vettura tiegħu hija għolja. Jispjega li meta kellmu qal li kien raħ ħiereġ bl-aħmar. Jikkonferma li huwa nxurjat ma' Laferla Insurance li ħallset għall-ispejjeż kollha.*

*In <u>kontroeżami jikkonferma</u> li l-persuna Ingliża kien qal li huwa għadda bl-aħmar waqt li s-sewwieq l-ieħor għadda bl-aħdar. Jikkonferma wkoll li kien hemm passiġġier ieħor mas-sewwieq l-ieħor u li dan kien hemm meta marru l-Pulizija fuq il-post. Mitlub jikkonferma jekk meta ħares u beda jdur li ma ra l-ebda vettura ġejja, wieġeb li ma ra l-ebda vettura. Għad-domanda: "You saw no other car coming?" (a fol. 71), wieġeb: "No not even one car" (a fol. 71).*

*Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018, xehed ukoll <u>Mark Laferla</u> (a fol. 73 et seq.) fejn qal li huwa d-<u>direttur ta' Laferla Insurance Agency</u>. Jgħid li l-vettura Porsche Cayenne kienet inxjurata ma' Laferla Insurance bħala aġenti ta' Mapfre Middlesea b'polza comprehensive. Jikkonferma li wara l-inċident saret claim u li sar ilħlas kollu relattiv għat-tiswijiet fuq il-vettura. Jgħid li tħallas excess ta' mitejn u ħamsa u disgħin Euro (€295.00). Jikkonferma li ma nkriet l-ebda vettura oħra. Jgħid li mar fuq il-post tal-inċident wara li kien ċempillu Ashur u jgħid li kif wasal il-vetturi kienu għadhom fil-post. Jgħid li Ashur kien semma li kien hemm persuna Ingliża u hu (Laferla) nduna li kien irrabjat ħafna fuq dan. Jgħid li hu ma kienx fuq il-post meta marru l-Pulizija. Eżebixxa kopja tar-ritratti li ħa hu, liema ritratti ġew immarkati bħala Dok. "ML 1" (a fol. 85 et seq.). Muri l-iskizz mħejji mill-Pulizija jgħid li dan huwa korrett minkejja li ma ħadux xi kejl akkurat. Jgħid li ħejja dokument dwar is-sekwenza tat-traffic lights li hemm u ppreżenta dak li ħadem huwa li ġie mmarkat bħala Dok "ML 2" (a fol. 91). Jgħid li hemm erba' flows ta' traffiku: (a) dak li ġej minn naħa ta' St. Andrews sejjer lejn il-Marsa; (b) dak li ħiereġ minn San Ġiljan minn ħdejn Pender u jdur lejn St. Andrews; (ċ) dak li jkun ġej minn fejn kien ġej Ashur fejn hemm żewġ settijiet ta' dwal: wieħed fuq ix-xellug sabiex tmur St. Andrews u ieħor fuq il-lemin biex iddur lejn San Ġiljan.*

*In <u>kontroeżami</u> jikkonferma li meta t-traffic lights ta' minn fejn kien ġej Ashur ikun fuq l-aħmar, dawk ta' minn fejn kien ġej il-konvenut ikun fuq l-aħdar u viċe-versa. Jgħid li meta t-traffic lights ta' minn fejn kien ġej il-konvenut jaqilbu fuq l-aħmar, dawk ta' minn fejn kien ġej Ashur jaqilbu fuq l-aħdar.*

*In <u>ri-ezami</u> eżebixxa Google image tal-inħawi fejn seħħ l-inċident li ġiet immarkata bħala Dok. "ML 3" (a fol. 94). Iżid li l-veloċità li kien għaddej biha l-konvenut kienet sinjifikanti u bil-matematika bilfors li l-konvenut kien għaddej b'aktar minn 80 km fis-siegħa (Dok "ML 4" – a fol. 93).*

*Jgħid li dan il-kalkolu għamlu l-Inginier Damien Agius.*

*Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019, xehed PS 345 Mark George Cremona (a fol. 105 et seq.) fejn jippreżenta bħala Dok. "MC 1" (a fol. 107 et seq.) kopja tar-rapport tal-inċident stradali de quo li għamel PS 69 Jesmond Cremona. PS 345 Mark George Cremona reġa ħa l-pedana tax-xhieda fisseduta tal-11 ta' Marzu 2019 (a fol. 126 et seq.) fejn jispjega li huwa kien assista lil PS 69 Jesmond Cremona u li l-iskizz u r-rapport innifsu għamlu PS 69 Cremona. Jgħid li PS 69 Cremona kien kellem is-sewwieqa. Reġa' eżebixxa kopja tar-rapport li ġie mmarkat bħala Dok. "MC 1" (a fol. 130 et seq.). Mistoqsi jekk id-daqqa kinitx kbira, jgħid li sa fejn jiftakar huwa ma kinitx. Ma jiftakarx fejn kellhom il-ħsara l-vetturi.*

*Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2019, xehed eks PS 69 Jesmond Cremona (a fol. 141 et seq.) fejn jgħid li huwa kien kellem lill-persuni li taw l-informazzjoni relatata mal-inċident stradali de quo. Jgħid li hu u l-kollega tiegħu ħadu l-kejl u l-affarijiet relatati miegħu.*

*Eżebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz li ġew immarkati bħala Dok. "JC 1" (a fol. 144 et seq.). Jispjega li sa fejn jiftakar huwa kien ħareġ charges kontra ż-żewġ sewwieqa għax it-tnejn qalu li s-sewwieq lieħor ħareġ fuq l-aħmar.*

*Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019, xehed il-konvenut Adrian Sammut (a fol. 150 et seq.) fejn jgħid li dakinhar tal-inċident kien qed isuq vettura Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB 124. Jgħid li miegħu kellu lil Brandon Agius bħala passiġġier. Jixhed li kienu kienu l-ħabta tas-7.00pm meta kienu ġejjin minn Triq Sant'Andrija sejrin fid-direzzjoni tal-mini ta' Paceville. Jgħid li t-traffic lights kienu fuq l-aħdar u li f'daqqa waħda vettura tal-għamla Porsche qasmitlu t-triq. Jgħid li nħasad u lanqas brejk ma kellu ċans jagħfas.*

*Jixhed li tkellmu mas-sewwieq l-ieħor li qallu li d-dawl tiegħu (tas-sewwieq l-ieħor) kien fuq l-aħdar. Jgħid li wara mar ikellmu ċertu Whitehead fejn qallu li s-sewwieq l-ieħor kien ħareġ fuq l-aħmar u qal li kien wara s-sewwieq l-ieħor.*

*In kontroeżami, li sar fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022 (a fol. 242 et seq.), jikkonferma li d-daqqa kienet waħda kbira u li l-vettura tiegħu kienet total loss. Jgħid li ż-żewġ mudguards ġratilhom il-ħsara u li quddiem kien kollu mkisser. Jgħid li bil-qatgħa ma jiftakarx jekk il-vettura l-oħra ċċaqalqitx. Jixhed li ma kienx għaddej b'aktar minn 70 km.f.s. u jgħid li ma kienx qed iħares lejn l-ispeedometer. Jgħid li l-Porsche raha f'daqqa u li ma kellu ċans jagħmel xejn. Ikompli jgħid li minħabba l-arbuxelli li hemm ma tkunx tista' tara t-traffic lights ta' faċċata. Wara jispjega li dawn semmihom bi żball. Jispjega li l-arbuxelli semmihom minħabba li bihom ma tarax lil min ikun ser jaqsam.*

*Illi, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, xehed Alan Whitehead (a fol. 156*

*et seq.) fejn ikkonferma li ra l-inċident stradali de quo. Jgħid li hu u martu kienu weqfin fit-traffic lights li hemm fi Triq Reġjonali liema lights jagħtu għal Paceville u dana peress li t-traffic lights tagħhom kienu fuq l-aħmar. Jixhed: "The car in front of us in the right hand lane was a large black Mercedes or Porsche, SUV. I did not take much notice because we were stopped at the lights. The next minute ... went through the lights, it was definitely red and then we heard the crash, we could not see the crash, it was round the corner" (a fol. 156). Dwar dak li qal lill- Pulizija jgħid li huwa ntalab jagħmel stqarrija. Ikompli jgħid li ma jiftakarx minn talbu jagħmel hekk.*

*Illi, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, <u>xehed ukoll Brandon Agius</u> (a fol. 159 et seq.) fejn jispjega li dakinhar tal-inċident stradali huwa kien passiġġier fil-vettura misjuqa mill-konvenut. Jgħid li kienu ġejjin minn Pembroke u li kienu sejrin lejn il-mini ta' San Ġiljan. Jgħid li kienu fuq il-lane tal-lemin tas-central strip f'liema ħin jgħid li t-traffic lights tagħhom kienu fuq l-aħdar u f'waqt minnhom daret vettura għal fuqhom.*

*In <u>kontroeżami</u>, li sar fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2022 (a fol. 232 et seq.) jikkonferma li l-vettura li kien fiha fl-ebda ħin ma waqfet jew naqset. Jgħid li l-veloċità li kienu għaddejjin biha kienet ta' ċirka 60 jew 70 km.f.s. Jgħid li ma kienx hemm vetturi quddiemhom u jikkonferma li bid-daqqa l-vettura tal-għamla Porsche daret fuq listrixxa ċentrali.*

*Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2019, <u>xehdet in kontroeżami Eslam Alnakua (a fol. 167 et seq.)</u>1 fejn tikkonferma li kienet involuta fl-inċident stradali de quo flimkien mar-raġel tagħha. Tgħid li hija kienet fuq quddiem u wara kien hemm it-tifel. Tgħid li kienu l-ewwel vettura weqfin u li hekk kif it-traffic lights qalbu minn aħmar għal aħdar, imxew u seħħ l-inċident stradali bl-impatt ikun fuq il-bieba tagħha.*

*1 1 L-affidavit tagħha ġie sfilzat (a fol. 117) b'ordni tal-Qorti diversament preseduta b'digriet mogħti minnha fil-25 ta' Novembru 2019 (a fol. 178) in segwitu ta' Rikors li ġie ppreżentat fl-4 ta' Novembru 2019 (a fol. 172).*

*<u>Eslam Alnakua xehdet</u> fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 (a fol. 207 et seq.) fejn tispjega li kienu weqfin fit-triq u meta t-traffic lights qaleb fuq l-aħdar, huma mxew u ħasset id-daqqa fuq in-naħa tagħha. Tgħid li kienet quddiem u li kienu sejrin Portomaso.*

*In <u>kontro eżami</u> tiċħad li kienet bil-qegħda ħdejn it-tifel. Tikkonferma li hija ssuq u tgħid li wara l-inċident hija ma ħarġitx għax kienet qed iżżomm lit-tifel minħabba li beda jibki. Tikkonferma li meta marru l-Pulizija hija kienet hemm u staqsew biss kif kienet u kif kien it-tifel. Wara tgħid li marret mal-ħabib tagħhom li nzerta għaddej minn hemm. Tispjega li ma marritx l- Għassa tal-Pulizija biex tistqarr kif seħħ l-inċident minħabba li dak xogħol ir-raġel.*

*Illi, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021, xehdet Vivienne Whitehead (a fol. 214 et seq.) fejn tispjega li dakinhar tal-akkadut kienet passiġġiera fil-vettura mar-raġel tagħha. Tgħid li kienet bilqiegħda fuq quddiem u tispjega d-dinamika tal-inċident stradali fejn tgħid li t-traffic lights lejn St. Andrews qaleb fuq l-aħdar. Tikkonferma li meta l-vettura ta' kulur iswed mxiet, it-traffic lights kienu fuq l-aħmar.*

*In kontroeżami, li sar fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022 (a fol. 253 et seq.), tispjega kif resqu lejn it-traffic lights u s-sekwenza tal-vetturi li kien hemm quddiemhom. Tikkonferma li t-traffic lights kienu fuq l-aħmar u tikkonferma wkoll li kienet qed tħares madwarha. Tispjega li l-vetturi li kienu qed jiċċaqalqu kien dawk ġejjin minn San Ġiljan lejn St. Andrews."*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Permezz tal-appell imressaq mill-atturi appellanti, huma jilmentaw illi *nonostante* konflitt bejn il-verżjonijiet huwa evidenti illi l-Qorti qagħdet fuq ix-xiehda tal-konjuġi Whitehead li t-tnejn xehdu illi meta huma waqfu viċin il-vettura tas-sewwieq assikurat, sejrin fid-direzzjoni fejn kien sejjer hu, l-assikurat iċċaqlaq u pprova jaqsam it-triq biex b'hekk seħħet il-ħabta. Jargumentaw li ebda verżjoni ma għandha tiġi aċċettata minn qorti, anke jekk korraborata minn għadd ta' xhieda, jekk dik il-verżjoni ma tkunx taqbel ma' provi oġġettivi jew mal-loġika. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Qorti għandha tiskarta dik il-verżjoni u taċċetta minflok verżjoni alternattiva offerta mill-parti l-oħra, kemm -il darba dik tkun konsistenti magħha nnifisha u konformi mal-provi oġġettivi u mal-loġika. Jisħqu li l-verżjoni tal-assikurat, lil hinn mill-korraborazzjoni tagħha minn martu, tikkwalifika perfettament magħha nnifisha u ma provi oġġettivi. Mhux hekk però l-verżjoni tal-appellat.

11. Jargumentaw illi l-verżjoni tal-appellat hija skorretta u ma hijiex sewwa, almenu f'punt wieħed, u ċjoè, illi skont l-appellat hu kien għaddej bi *speed* moderat t'anqas minn sebgħin kilometru fis-siegħa fejn huwa ċar illi kien għaddej bi *speed* ferm għola, billi l-ħsarat enormi ġejjin mill-inċident, attribwibbli loġikament biss lill-veloċità tiegħu, mhumiex kompatibbli ma' *speed* moderat. Jgħidu illi tajjeb illi l-Qorti twieżen għal fejn saret din id-dikjarazzjoni skoretta mill-appellat bil-ġurament billi persuna illi trid tagħti verżjoni lill-Qorti tkun mistennija tgħid il-verità kollha dwar kollox u mhux biss dwar il-kulur tat-*traffic lights*. Impliċitu wkoll fix-xhieda tal-appellat hemm nuqqas ieħor serju tiegħu, ċjoè, illi meta kien qiegħed javviċina ż-żona tat-*traffic lights* baqa' jżomm *speed* kostanti. Ċertament min ikun għaddej anke bi *speed* moderat, ikun mistenni javviċina żona ta' *traffic lights* b'kawtela kbira. Jgħidu li l-appellat jgħid illi ma kienx hemm ċans jirreaġixxi għall-moviment tal-Porsche li qasmitlu t-triq — skont hu dan il-moviment kien *instantaneous*.

12. Jisħqu li din l-allegazzjoni ma hiex korroborata mix-xhieda li pproduċa l-appellat stess — il-konjuġi Whitehead. Dawn imkien ma qalu li Ashur ħareġ mill-pożizzjoni tiegħu b'saħħa, u ċertament biex il-moviment ta' Ashur li jaqsam triq wiesa', titqies bħala ħaġa istantanja kellu bilfors jaqla' mill-pożizzjoni tiegħu b'saħħa illi kienet żgur timpressjona lix-xhieda konjuġi Whitehead.

13. Jisħqu li rriżulta, huwa magħruf u ġie ammess, illi fiż-żona immedjatament qabel iż-żona fejn seħħ l-impatt, hemm ix-xtieli — *bushes*. Fuq dawn il-*bushes* l-appellat qal in kontroeżami illi "biex tgħaxxaqha kien hemm il-*bushes* u ma tkunx qiegħed tara it-*traffic lights* ta' faċċata'". Issikkat mid-difensur tal-appellanti, għamel li seta' sabiex jevita jgħid kif il-'*bushes*' fixkluh milli jara t-*traffic lights* ta' faċċata. Finalment, l-appellat stqarr illi kien żball li semma t-*traffic lights* u li ried jgħid xi ħaġa oħra. Issikkat kemm -il darba biex jispjega r-relevanza tal-*bushes* qal, illi dawn fixkluh milli jara l-Porsche misjuqa mill-assikurat.

14. Jikkritikaw din ix-xhieda billi jgħidu li ftit hemm fiha li jagħmel sens u li huwa kompatibbli ma' vettura miexja bi *speed* moderat lejn *traffic lights*. Inversament, ix-xhieda hija perfettament kompatibbli ma min qiegħed isuq viċin il-*bushes* b'veloċità qawwija ħafna illi ma tippermettilux illi jirreaġixxi għall-bidla fil-kulur tat-*traffic lights* ħlief meta jkun tard wisq. Huwa biss meta tkun għaddej bi *speed* kbir illi l-*bushes* ifixkluk milli tara it-*traffic lights*. Dan kollu jista' jiġi ikkontrollat minn kull utent tat-toroq f'dik iż-żona. Il-verżjoni mogħtija mill-passiġġier tal-appellat taqbel ma' dik tal-appellat u għalhekk ibatu mill-istess nuqqasijiet ġja senjalati fir-rigward tax-xhieda, ħlief illi x-xhud Brandon Agius jistqarr illi l-vettura ta' Ashur kienet bejn ħames u għaxar metri 'l bogħod mill-vettura misjuqa mill-appellat meta qasmet.

15. Jargumentaw li llum fortunatament ngħixu f'dinja fejn applikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli lil kull ħadd — bħal ma huwa Google Earth — jippermettu illi kulħadd iżur sit ta' ħabta, ikejjel distanzi rilevanti, iqis fatturi illi matul is-sewqan jista' ma jagħtix kashom u jara viżwali illi sewwieq kellu quddiem għajnejh fl-agonija tal-inċident.

16. Kien hemm għadd ta' kostatazzjonijiet utili għall-Ewwel Qorti illi kellhom jgħinuha mhux ftit tara x'ġara dakinhar, illi kollha ġew sollevati fis-sottomissjonijiet bil-kitba magħmula mill-appellanti iżda li ma ġewx indirizzati mill-Qorti fis-sentenza tagħha:

a. Il-progress ta' vettura miexja kif ried jimxi Ashur ma hiex waħda angolata iżda l-ewwel vettura trid timxi 'l quddiem minn wara l-linja l-bajda biswit id-dwal, illi warajha jridu joqgħodu l-vetturi u mbagħad iddur karta bum biex tidħol fil-karreġġjata;

b. Dan il-moviment, imkejjel kif intqal fuq Google Earth, huwa ta' 22.44 metri, ċertament mhux moviment illi jsir istantanjament. Ashur jgħid illi ħareġ bi *speed* baxx ħafna. Jekk dan l-i*speed* kien b' medja — relattivament għoli tenut kont il-konfigurazzjoni — ta' ħmistax-il kilometru fis-siegħa, l-manuvra kienet iddum viċin sitt sekondi. Xejn istantanju;

c. *Bushes* verament ifixklu lil sewwieq b'karozza baxxa milli jara t-*traffic lights*, sakemm dik il-vettura tasal għall-parti d-dritta tat-triq;

d. It-triq tiddritta ħamsa u erbgħin metru 'l bogħod mill-intersezzjoni. Bi *speed* ta' sebgħin kilometru fis-siegħa, dan huwa żewġ sekondi u nofs 'l bogħod. B'veloċità ta' disgħin kilometru fis-siegħa, dan huwa biss ftit aktar minn sekonda u nofs 'l bogħod.

17. Il-konjuġi Whitehead xehdu wkoll favur l-appellat. Magħhom, Ashur kellu xi kliem ftit minuti qabel. Ix-xhieda ta' Vivien Whitehead in kontroeżami, ma taqbilx la ma dik ta' żewġha u lanqas max-xhieda kollha l-oħra tal-appellat, inkluż l-appellat stess. Kienet passiġġier ma' żewġha fil-karozza tagħhom illi kienet it-tieni waħda fil-karreġġjata ta' barra (tax-xellug, biswit il-vettura ta' Ashur illi kienet l-ewwel waħda fil-karreġġjata ta' ġewwa, it-tnejn sejrin jaqsmu lejn Paceville, San Ġiljan. Din ix-xhud rat illi t-traffiku kollu kien wieqaf ħlief il-karozzi ġejjin mill-lemin tagħha (minn Paceville jew San Ġiljan) jaqsmu quddiemha. Hi rat it-traffiku ġej minn Saint Andrews — allura mnejn kien ġej l-appellat — wieqaf. Biex it-traffiku jkun jidher wieqaf, irid ikun hemm karozzi weqfin. Ħadd mix-xhieda tal-appellat ma semma karrozzi weqfin. Anzi semmew triq vojta fejn l-appellat seta' jaqsam mat-*traffic lights* mingħajr ma jnaqqas. Illi jekk Vivien Whitehead tiġi emnuta, ebda xhud ieħor tal-appellat, inkluż l-

appellat nnifsu, ma jista' jiġi emnut, għaliex ma hemmx kelma waħda mix-xhieda tagħhom illi telgħeb il-kontradizzjoni ġejja mix-xhieda tagħha.

18. Illi hawn l-appellanti jissottomettu, illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tqis hi liema mill-verżjonijiet tal-kontendenti — dik ta' Ashur jew dik ta' Sammut (ukoll korraborata) — għandha temmen.

19. L-appellat bażikament jattribwixxi lil Ashur deċiżjoni stramba ħafna. Skont hu, Ashur, wieqaf f' karozza għolja ħafna bil-mara u l-wild tiegħu fuq ix-xellug tiegħu, u wara li waqaf għaliex id-dawl tiegħu kien aħmar u għalkemm jista' jara vettura oħra ġejja mix-xellug (faċċata) tiegħu, jiddeċiedi li joħroġ. Il-verżjoni tal-appellat hija msejsa fuq din id-deċiżjoni ta' Ashur. Anke jekk wieħed jinsa' l-konsiderazzjonijiet kollha l-oħra, biex Sammut għandu raġun, Ashur kellu jieħu dik id-deċiżjoni.

20. Inversament, id-deċiżjoni attribwita lill-appellat fil-verżjoni ta' Ashur hija, illi Sammut, għaddej bi *speed* għoli ta' madwar disgħin kilometru fis-siegħa bi triq vojta quddiemu, jinduna tard wisq illi d-dwal inbidlu u ma jista' jagħmel xejn biex jevita ħabta mal-vettura ħierġa mill-lemin tiegħu. Dan kellu jwassal lil dina l-ewwel Onorabbli Qorti, ukoll fuq skorta tal-ġurisprudenza, biex taċċetta l-verżjoni tax-xhud Ashur u tilqa' t-talbiet attriċi.

21. Il-verżjoni imressqa minn Ashur hija korroborata mill-verosimiljanza tagħha stess u mill-fatturi newtrali u materjali tal-lokalità tal-inċident. Il-verżjoni hija korroborata mil-liġi tal-fiżika dwar is-saħħa ġejja minn oġġett ta' piż miexi b'veloċità. Il-verżjoni ta' Sammut ma għandha xejn ta' din ix-xorta. Hija fiha nfisha inverosimili u korroborata biss minn xhieda illi ma jaqblux bejniethom.

22. **L-intimat appellat** iwieġeb li fir-rigward tal-veloċità sinifikanti allegata mill-atturi, mhuwiex minnu li hu kien qed isuq b'tali veloċità u dan għaliex ħadd miż-żewġ sewwieqa u passiġġier rispettivi ma xehdu li dan kien il-każ. L-assikurat qatt ma tkellem fuq veloċità u ma hemmx dubju li kieku vera l-intimat kien għaddej b'veloċità, dan l-assikurat kien issemmiha fix-xhieda tiegħu. L-unika persuna li għamel referenza għall-din il-veloċità kien Mark Laferla li ma kienx preżenti fil-mument tal-inċident u li bbaża l-opinjoni tiegħu fuq dak li rrapporta l-inġinier Damien Agius, li anqas kien prodott mill-atturi biex jixhed f'dawn il-proċeduri. L-Ewwel Qorti ddikjarat li dak li xehed Mark Laferla kienet biss opinjoni u li kif għamlet l-Ewwel Qorti dan għandu jiġi skartat.

23. Ma jaqbilx mal-argument tal-atturi li peress li ż-żewġ vetturi ġarrbu ħsara sostantiva mela kien hemm veloċità qawwija. Jisħaq li l-inċident seħħ ġewwa Regional Road fejn il-veloċità hi permissibbli aktar minn dik f'żona residenzjali. *In oltre* kien l-assikurat li ħareġ għal għarrieda. Jisħaq

li l-ħsara kienet estensiva, kemm għax il-vettura tal-intimat kienet antika u kemm għaliex il-vettura tal-assigurat hi vettura ta' ċertu valur bil-*parts* ikunu għoljin, iżda fil-verità kif xehed is-*surveyor* Steve Gauci l-ħsara ma kinitx waħda estensiva. Jisħaq li hu ma setax jagħmel mod ieħor, u nħasad għax il-karozza ħarġet *out-of-nowhere* u ma kellux ċans jibbrejkja. Id-daqqa tal-Porsche kienet fil-ġenb tax-xellug tal-karozza u huwa ben saput li dik il-parti hi debboli. Jgħid li l-kawża tal-inċident kien li l-assigurat saq meta d-dawl tat-*traffic lights* kien aħmar.

24. Dwar ir-responsabbiltà tal-inċident jisħaq li l-inċident seħħ meta hu kien sejjer lejn id-direzzjoni tal-Imsida u l-assigurat kien ġej min-naħa l-oħra u baqa' ħiereġ minn fuq it-*traffic lights*. Iż-żewġ sewwieqa allegaw separatament li kull wieħed minnhom iċċaqlaq jew baqa' jsuq 'il quddiem meta d-dawl tat-traffiku li jirregola lilu kien aħdar. Taħt ċirkostanzi normali kien ikun diffiċli wieħed jgħid min kien qed jgħid il-verità iżda f'dan il-każ, kien hemm xhud meta seħħ l-inċident u dawn il-persuni xehdu f'dawn il-proċeduri, li ma kellhom l-ebda interess fl-eżitu ta' din il-kawża. L-intimat jgħid li t-*traffic lights* tiegħu qalbu ħodor u kif proċeda qasmet il-karozza tal-assigurat. Dan rah ix-xhud Alan Whitehead. L-Ewwel Qorti għamlet sew li straħet fuq xhud indipendenti minħabba l-konflitt tal-verżjonijiet tal-partijiet involuti. Il-konjuġi Whitehead ma kienux jafu lill-intimat u xehdu li l-*lights* kienu ħomor għall-assigurat meta qasam bil-vettura. Dan ikkonfermah ukoll ix-xhud Brandon Agius li kien passiġġier mal-intimat.

25. B’referenza għall-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jisħaq li l-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu ċertezza morali u mhux fuq sempliċi possibiltajiet u huwa d-dmir tal-Qorti li tasal għall-konklużjoni dwar liema waħda mill-verżjonijiet hija l-aktar kredibbli, verosimili u attendibbli. Jargumenta li fl-appell, l-appellanti qed iqajmu kwistjonijiet li ma tressqux quddiem l-Ewwel Qorti. Ix-xhieda ta’ Whitehead għandhom xeħta ta’ kredibilità u verosimiljanza u ċertament jekk l-inċident seħħ kif xehdu huma, ċertament illi l-appellat ma kellu l-ebda tort għal dan l-inċident.

26. **Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tar-responsabbiltà tal-akkadut:**

> *“..L-Ewwel (1) Talba*
>
> *(Dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ għall-inċident stradali):*
>
> *Illi diġa’ ngħad aktar ‘il fuq li l-verżjonijiet li ngħataw mis-sewwieqa huma opposti fejn jirrigwardaw it-traffic lights rispettivi tagħhom fis-sens illi kemm Ashur kif ukoll il-konvenut Sammut isostnu li saqu meta l-kulur tat-traffic lights tagħhom kien aħdar.*
>
> *Illi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħhom (a fol. 261 et seq.) l-atturi jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq żewġ fatturi. L-ewwel fattur jirrigwarda l-fatt li allegatament il-konvenut kien għaddej b’veloċità aktar minn 80 km.f.s.. Huma jilmentaw ukoll li l-konvenut naqas milli jnaqqas il-veloċità tiegħu hekk kif kien qed javviċina ż-żona tat-traffic lights.*
>
> *Illi minn naħa tiegħu l-konvenut jargumenta li l-inċident stradali ma seħħx ħtija tiegħu u li l-ħtija kienet ta’ Ashur li saq minkejja li d-dwal tat-traffic lights tiegħu kien aħmar. Dwar il-veloċità, fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tiegħu (a fol. 266 et seq.), il-konvenut jgħid li din ma kinitx kbira u jagħmel riferenza għax-xhieda mismugħa f’dawn il-proċeduri fejn tiġi riaffermata l-verżjoni tiegħu.*

*Illi rinfaċċjata b'dawn il-verżjonijiet opposti, il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Andrew Borg Cardona vs. Juan Muscat (Numru 1208/1997/1), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:*

> *"Illi f'dan il-każ il-versjonijiet tal-partijiet jikkontradiċu lil xulxin fuq dan l-aspett tal-kawża; u għalhekk hija ġusta u relevanti l-osservazzjoni magħmula minn din il-Qorti fil-kawża Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia2 fis-sens li "il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u talpreponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.""*

*Illi l-qofol tal-kwistjoni fil-kawża odjerna hija x'sejra temmen din il- Qorti fir-rigward ta' min saq bi traffic lights bil-kulur aħdar. Mis-sekwenza ppreżentata fl-atti proċesswali jirriżulta li l-verżjonijiet tal-partijiet huma t-tnejn possibbli. Għalhekk il-Qorti ser ikollha ta' bilfors tirreferi għax-xiehda mogħtija mit-terzi independenti okulari l-konjuġi Whitehead f'dan il-każ.*

*Illi l-Qorti studjat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mill-konjuġi Whitehead. Dak li jaqblu fuqu l-konjuġi Whitehead huwa li l-kulur tat-traffic lights kien aħmar meta Ashur saq. Din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex tiddubita dak li qalu Whitehead f'dan ir-rigward u dana b'mod speċjali minħabba li l-Qorti ma jirriżultalha assolutament xejn dwar xi gwadann setgħu jieħdu huma mill-verżjoni mogħtija minnhom dwar il-kulur tat-traffic lights ta' Ashur meta saq. Għaldaqstant il-Qorti ser temmen dak li*
*qalu l-konjuġi Whitehead dwar il-kulur ta' traffic lights ta' Ashur meta saq.*

*Illi diġa' ngħad aktar 'il fuq li Vivienne Whitehead issemmi li anke t-traffic lights tal-konvenut kienu fuq l-aħmar. Minn naħa l-oħra fix-xiehda tagħha mogħtija fit-2 ta' Novembru 2021 Vivienne Whitehead issemmi li t-traffic lights lejn St. Andrews kienu qalbu fuq l-aħdar. Jekk dan jiġi mqabbel mas-sekwenza tad-dawl tattraffic lights (Dok. "ML 2" – a fol. 91) jirriżulta li l-unika skema fejn id-dawl tat-traffic lights lejn St. Andrews ikun aħdar waqt li d-dawl tat-traffic lights ta' Ashur ikun aħmar hija t-tielet sekwenza li turi li d-dawl tal-konvenut ikun effettivament aħdar! Il-Qorti għandha xi*
*ftit dubji fuq kemm Vivienne Whitehead setgħet tkun taf x'kien iddawl minn naħa tad-direzzjoni ġejja minn St. Andrews lejn il-mini li jieħdu għal tal-Qroqq minħabba li dawn ma kienux qed iħarsu lejha hekk kif ukoll imsemmi mill-konvenut fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa minnu (a fol. 266 et seq). Għalhekk x'aktarx li l-parti tax-xiehda tagħha rigward il-kulur tad-dawl tat-traffic lights tal-konvenut hija żball fejn ma fehmitx dak li kien qed jintalab minnha.*

*Illi tenut kont kont ta' dak li ngħad hawn fuq, inkluż kif spiċċaw il-vetturi wara li seħħ l-inċident u kif jidhru ndikati fl-iskizz (a fol. 148) u kif ukoll fejn ġew kaġunati l-ħsarat fiż-żewġ vetturi (fejn filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut ġarrbet ħsarat frontali, dik misjuqa minn Ashur ġarrbet ħsara fuq in-naħa tax-xellug tagħha), il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut hija aktar verosimili u veritjiera.*

*Illi l-atturi jilmentaw li l-verżjoni tal-konvenut mhijiex waħda veritjiera fir-rigward tal-veloċità li biha kien qed isuq l-istess konvenut. Mark Laferla fix-xiehda tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 (a fol. 73 et seq.) isemmi li l-vettura Fiat Punto kienet għaddejja b'veloċità ta' aktar minn 80 km.f.s. Huwa jirreferi li dan huwa fatt matematiku u jirriżulta minn eżerċizzju li nħadem minn Inġinier li baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Għaldaqsant il-Qorti mhux ser tieħu in konsiderazzjoni dak li qal Laferla meta għamel riferenza għal dak li skont hu rriżulta mill-eżerċizzju magħmul mill-Inġinier li huwa semma.*

*Illi l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-konvenut naqas milli jnaqqas il-veloċità tiegħu meta kien qed jersaq viċin it-traffic lights. Da parte tiegħu, il-konvenut jikkonferma dan fil-kontroeżami tiegħu meta għad-domanda magħmula lilu jekk huwa naqqasx l-ispeed tiegħu hekk kif kien qed javviċina t-traffic lights, huwa wieġeb li l-veloċità tiegħu baqgħet waħda kostanti (a fol. 247). Dwar dan, il-Qorti tinnota li m'hemm l-ebda dubju li l-ħsarat li ġarrbet il-vettura misjuqa minn Ashur kienu konsiderevoli u għoljin ħafna (u dana meħud in konsiderazzjoni li l-vettura misjuqa minnu hija waħda ta' ċertu valur). Huwa minnu wkoll li l-vettura misjuqa minn Ashur spiċċat angolata bil-vettura misjuqa mill-konvenut iġġarrab ħsarat fuq quddiem tagħha. Minkejja dan, il-Qorti tinnota li fl-iskizz ma ġew indikati l-ebda brejkmarks u fir-rapport redatt mill-Pulizija ma jsir l-ebda riferenza għalihom li juri li ma kien hemm l-ebda ċans li l-konvenut jagħfas il-brejk. Dan juri li Ashur ħareġ għall-għarrieda u ħasad lill-konvenut meta ħareġ minn postu meta t-traffic lights tiegħu (ta' Ashur) ma kienux għadhom fuq l-aħdar bil-konsegwenza li seħħ l-inċident stradali.*

*Illi l-Qorti eżaminat ukoll jekk setax kien hemm element ta' kontributorjeta' da parti tal-konvenut għall-akkadut u rriżultalha li s-sewqan tiegħu bl-ebda mod ma' kkontribwixxa għall-incident stradali u għalhekk huwa ma jistax jiġi mgħobbi bi ħtija kontributorja għalih.*

*Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq isegwi li kien Adel Ahmed Ashur li kien unikament responsabbli għall-inċident stradali de quo u dana stante li huwa ħareġ minn postu meta ma jirriżultax li t-traffic lights tiegħu kienu fuq l-aħdar. B'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) talba tal-atturi u minflok ser tilqa' it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenut…"*

27. **Effetivament l-atturi jitolbu li jsir apprezzament mill-ġdid tal-**

**provi. Din il-Qorti fliet l-atti u rat il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti u ma tqisx li hemm raġuni li tiddisturba l-konklużjoni milħuqa.**

28. L-appellanti jargumentaw li hemm konflitt fil-verżjonijiet u li l-Qorti ma għandhiex toqgħod fuq verżjoni li ma tikkonformax mal-loġika. Jargumentaw li l-intimat appellat kien għaddej b'veloċità li mhux kompatibbli ma' veloċità moderata. Madankollu din il-Qorti tikkonsidra li l-punt kruċjali jdur ma liema parti baqgħet ħierġa minn fuq it-*traffic lights* waqt li t-*traffic lights* tiegħu kien fuq dawl aħmar.

29. L-appellanti jitkellmu fuq il-loġika u matematika li jindikaw mod ieħor milli ddeċidiet il-Qorti. Iżda din il-matematika u loġika li jsemmu l-appellanti ma tistax titqies li ġiet pruvata sew f'dan il-każ. Jitqies illi huwa minnu li x-xhud Mark Laferla ressaq dokument b'dijagramma u kalkoli li hu jgħid li ssellef minn ċertu inġinier. Madankollu dan l-inġinier ma tressaqx bħala xhud, u anqas tressaq xi rapport imħejji minnu. Ma tressaqx anqas xi espert tat-traffiku biex isostni t-teżi tal-atturi. Tressqet biss ix-xhieda ta' Laferla, li xehed mhux bħala espert iżda fuq il-fatt. Din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dak li xehed fuqu l-istess xhud, li mar fuq il-post biss wara li seħħ l-inċident.

30. Din il-Qorti għandha quddiemha xhieda ta' terzi persuni li jgħidu li raw lill-assigurat jibqa' ħiereġ mill-karreġjata tiegħu meta t-*traffic lights* li

minnhom kellu jiġi gwidat kienu fuq l-aħmar. L-appellanti jittantaw jitfgħu dubju fuq ix-xhieda ta' dawn it-terzi, konjuġi Whitehead. Dawn it-terzi kkonfermaw li l-*lights* sabiex wieħed idur għal San Ġiljan kienu ħomor u li l-attur assigurat dar fuq l-aħmar. Fl-i*statement* tiegħu lill-pulizija x-xhud Alan Mark Whitehead xehed li kien l-attur assigurat biss li ħareġ minn fuq il-*lights* u li hu u l-vetturi l-oħra stennew it-*traffic lights* jaqilbu. Fix-xhieda tagħha Vivienne Whitehead tixhed li t-*traffic lights* tagħhom kienu ħomor. Wara li fliet ix-xhieda tagħhom din il-Qorti ma tqisx li għandha tiddubita dak li raw u xehdu fuqu l-konjuġi Whitehead u ċjoè li l-attur assigurat ħareġ mill-karreġjata tiegħu meta t-*traffic lights* kienu fuq l-aħmar:

**Xhieda ta' Alan Whitehead a fol. 156 et seq.**

*"..Witness : Me and my wife. We were meeting our staff in Paceville. We were in the left hand of the two lanes, the second bar I believe. The car in front of us in the right hand lane was a large black Mercedes or Porsche, SUV. I did not take much notice because we were stopped at the lights. The next minute … went through the lights, it was definitely red and then we heard the crash, we could not see the crash, it was round the corner. As we drove round the corner we could have seen what happened and obviously the car coming from the opposite direction, … … a black SUV which was about a minute later when the lights had changed.*

*Dr. Louis Bianchi : And what did you do after this? Did you go on the scene or …*

*Witness : I stopped at the scene to first of all know if anyone was hurt and I said I am here if anybody needs me, to go … the house, feel free and tell me..."*

**Xhieda ta' Vivienne Whitehead a fol. 214 et seq.**

*"..Xhud: Yes I was sitting in the passenger's side, and there was one car in front of us and then there was another black car on the right hand side. The inner lane traffic lights turned red, to go straight ahead*

*and we were in the other two lanes to turn right into St Julians. As the lights on the far side turned green the big black car on our inside pulled forward to turn right and the oncoming traffic hit him on the side.*

*..*

*Xhd: I don’t remember what car it was but I remember it was a lady driving the car, and as the lights turned green she just went forward and drove past where as we stopped to help the two boys from the other car.*

*...*

*Dr Louis Bianchi: Now when that car pulled forward to turn into St Julians, what colour were the lights?*

*Xhud: All lights to turn right were red..”*

**Xhieda ta’ Vivienne Whitehead a fol. 253 et seq.**

*“Xhud: Yes as we approached the traffic lights there was one car in front of us, and then a black four by four was at a fare space on the right hand side.*

*...*

*Xhud: Ok, well as we were approaching the traffic lights , the traffic lights were on red, there was a car in front of us, and then the black car was on the right hand side of these four lanes , we were in the right hand side two lanes at the traffic lights.*

*Dr Thake: Very good. So , at all material times to your knowledge, even before you stopped, the traffic lights were red, is this correct?*

*Xhud: Yes.*

*...*

*Dr Thake: Very good. Now, once you were there, were you observing what was happening on the road in front of you ?*

*Xhud: Just in general, we just were waiting for the lights to change.*

*Dr Thake: Very good. But you were not texting , or checking the newspaper, you were basically looking around you.*

*Xhud: Yes.*

*Dr Thake: Once you were waiting, do you remember any vehicle movement towards you, in other words vehicles on the opposite side of the road, travelling from St Andrew's towards St Julian's or turning towards San Gwann or turning towards St Julian's, do you remember that?*

*Xhud: The traffic across the road were all stuck at the red lights.*

*Dr Thake: In other words, the vehicles coming from the direction of St Andrew' s were stopped ?*

*Xhud: They were stopped at the red lights, I think the traffic from the right was coming across the road to go up to St Andrew's and the traffic on the left were also stopped at the red lights because that traffic was coming across and off.*

*Dr Thake: Let us go through this slowly. Mela, was the traffic on your left ?*

*Xhud: At the red lights.*

*Dr Thake: At the red lights, the traffic that intended unlike you going to St Andrew's , stationery ?*

*Xhud: Yes.*

*Dr Thake: You were stationery ?*

*Xhud: Yes.*

*Dr Thake: Traffic coming from St Andrew's, was that stationery ?*

*Xhud: Yes.*

*Dr Thake: What traffic movement was there ?*

*Xhud: From St Julian's coming across the road to go up to St Andrew's.*

*Dr Thake: No further questions.*
*dan*
*Dr Bianchi: Mrs Whitehead, let me just try and clarify slightly, because we have talked about different cars.*

*Am I right in what you have just said,*

*Dr Thake: There is a very sensitive point, I am going to object to direct questions. I asked the witness twice without being direct, for her to explain one by one each of the lanes , and I suggest*

*Qorti: Before you reply to any question, just wait for the Court to signal whether you should reply or not.Dr Bianchi: The black SUV , from which direction was it coming ?*

*Court: You can repy.*

*Xhud: It came from the tunnel towards St Julian's.*

*Dr Bianchi: And where were you coming from ?*

*Xhud: We were coming from the tunnels towards St Julian's.*

*Dr Bianchi: Now, when you got to the traffic lights to turn right to go to St Julian's towards where the Hilton is, am I right ?*

*Xhud: Yes.*

*Dr Bianchi: How were the lights over there ?*

*Xhud They were all on red.*

*Dr Bianchi: They were all on red.*

*At the moment that the lights were all on red, what was the colour or the traffic coming from St Andrew's doing*

*Dr Thake: She has already reply.*

*Qorti: I will accept this reply and then no further re examination.*

*Dr Bianchi: The traffic coming from St Andrew's, what was it doing ?*

*Xhud: The traffic lights were all on red.*

*Dr Bianchi: Even for the traffic coming from St Andrew's ?*

*Dr Thakw: I think she has already replied yes three times*

*Xhud: Yes.*

*Qorti: Thank you very much.*"

31. Għalkemm din il-parti tax-xhieda ta' Vivienne Whitehead ma tidhirx konsistenti madankollu dan ma jbiddilx il-fatt li jidher li baqa' kostanti mix-xiehda tat-terżi ċioe li l-assiġurat tal-attur ħareġ u qasam triq meta d-dawl li suppost jidderiġi s-sewqan tiegħu kien fuq l-aħmar, u b'hekk invada kareġġiata ta' vetturi ġejjien fid-direzzjoni tiegħu mid-direzzjoni ta' Saint Andrews. Dan id-dawl ma setax kien fuq l-aħmar dak il-ħin għax altrimenti l-assigurat tal-attur kien ikun qed jaqsam min-nofs l-vetturi ġejjin minn San Ġiljan sejrin fid-direzzjoni ta' Saint Andrews.

32. L-argumenti mressqa fir-rigward tal-veloċità ma jvarjawx iċ-ċirkostanzi u dan għaliex id-dritta kienet tal-intimat u b'hekk kien mistenni li l-intimat jibqa' għaddej bla waqfien sabiex ma jkunx preżenti f'nofs l-intersezzjoni meta jinqalbu l-*lights*. Ma jitqiesx li tressqet prova determinanti li t-*traffic lights* li gwidaw lill-intimat kienu fuq l-aħmar. Fuq kollox kif saħqet il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino** (App Ċiv 15.01.1997)[1]:

---

[1] Li għaliha saret referenza fil-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited v. Joseph Caruana**, deċiża fid-19 ta' Mejju, 2021 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u fil-kawża fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet talassikurat tagħha Joseph**

> *"... f' materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li ssewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F' materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbilità u mhux l-ekwità u l-ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident."*

33. L-argumenti fir-rigward tal-*bushes* jiġu meqjusa wkoll li huma ta' relevanza żgħira meta l-kwistjoni hi min baqa' jsuq meta kellu dawl aħmar li jipprojbixxi tali sewqan. Madankollu din il-Qorti tqis li x-xhieda tal-intimat kienet biss fis-sens li kieku hu ra lill-assigurat ħiereġ mill-karreġġjata tiegħu, hu kien inaqqas il-veloċità, anke jekk kien fid-dritta tiegħu.

34. Fid-dawl ta' żewġ verżjonijiet opposti fir-rigward tal-kulur tat-*traffic lights* u xhieda okulari indipendenti li jikkonfermaw it-teżi tal-intimat, din il-Qorti ma tistax tqis li l-verżjoni tal-atturi ġiet pruvata. Fuq kollox kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha nhar is-27 ta' Ottubru, 2017:

> *"Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (Ara, per eżempju, P.A. NC 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (Ara, per*

**Muscat v. GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**, deċiża fis-27 ta' April 2023 mill-Qorti tal-Appell.

*eżempju, P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd.). Min-naħa l-oħra, mhux kull kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ciantar v. David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et).”*

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Spejjeż ta' dan l-appell kontra l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da